MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 464/2013

**CGX Limited [C-34349]**

**vs**

**Polidano Borthers Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mir-rikorrenti nomine fis-26 ta' Lulju, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand is-socjeta intimata, tas-somma ta' tmien mija u hdax-il euro [€811] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta attriċi qed titlob il-hlas tas-somma ta' tmin mija u hdax-il euro (€811) dovuti mis-socjeta konvenuta bhala prezz ghal diversi biċċiet ta' ghamara debitament mibjugha u konsenjati lill-istess soċjetà konvenuta, li interpellata diversi drabi sabiex thallas, baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fit-28 ta’ Awwissu, 2013, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta’ Settembru, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta’ Settembru, 2013 u l-fatt li s-socjeta intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ tmien mija u hdax-il euro [€811] bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------